MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 311/2008

**Evano Briffa ID 144385M**

**vs**

**Carmelo u Josephine konjugi Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra** li din il-kawza hi dwar hsara voluntarja li l-konvenuta ghamlet, *ex admissis* fuq il-vetturi Datsun Micra nru CAO 823 tal-atturi.

**Ra** li l-attur fl-AVVIZ qed **jitlob** *quantum* ta' elf, mitejn, disgha u sebghin Ewro (€1,279.00c) bl-imghax legali mid-data tal-AVVIZ kif ukoll spejjes tal-kawza waqt li l-konvenuti fir-RISPOSTA qed jikkontestaw il-*quantum* mitlub. Dana billi "il-ksur tal-hgieg tan-Nissan Micra ma jeccedix il-€200 u dana stante li effettivament il-hsara saret biss fuq il-hgieg u xejn aktar mil-karozza u dana kif jirrizulta fl-atti tal-kawza kriminali'.

**PROVI**

A1 L-attur xehed li bejn id-19 u 20 ta' Ottubru 2007 waqt li hu kien f'daru f'S. Venera, il-konvenuta ghamlitlu hsara fil-karozza Nissan Micra li kienet barra daru. Dana sar meta l-konvenut kien fil-Police HQ in konnessjoni ma ncident li kellu ma oht l-attur – incident li mieghu ma kellu x'jaqsam xejn.

2 Hu ra lill-konvenuta taqbad hadida u biha taghti fuq il-karozza. Saret hsara fuq iz-zewg *windscreens*, il-hgieg tal-4 bibien, iz-zewg *quarter windows* u l-fanali kif ukoll fuq il-bibien. Hsara wkoll fuq il-*mudguard* ta' quddiem, pilastru mdahhal 'l gewwa u hsara fin-*number plate*. Ma waqqafhiex, sew ghax ma dehrlux li kellu johodha ma mara kif ukoll ghax kien ghadu kif ghamel operazzjoni.

3 Esibixxa bhala Dok EB1 "survey report" li sar fuq inkarku tieghu li juri stima ta' LM550. Hu ghamel minn butu z-zewg *windscreens* u dwar dawn tilef ir-ricevuti. Irranga l-hgieg u jonqsu biss jirripara l-hsara fil-fanali u l-bibien. Esibixxa ukoll ritatti tal-hsarat (*fol* 17-19) u ittra tad-difensur tal-konventi (*fol* 20) li toffri hlas ta' €233.

4 In kontro-ezami qal li ma jafx kemm tiswa l-car (mudell 1990) fis-suq illum u anqas jaf fuq il-*quantum* assikurat – ghalkemm jista jivverifika. Ghall-hgieg kien hallas fuq Lm200, bil-*windscreen* ta' quddiem wahdu jiswa LM80. Dak markat bl-ahmar *a fol* 15 (Dok EB1) hallsu kollu.

B1 Permezz ta' Nota (*fol* 28) il-konvenuti esibew bhala Dok FC1 stima minn fuq l-internet (used cars for sale in the UK from Exchange and Mart) li juri ritratt ta' Nissan Micra LS 1992, 45,906 miles £20

C1 Il-konvenut **Carmelo Farrugia** qal li l-vettura in kwistjoni kienet antika u "safejn naf jien il-hsarat li gew ikkawzati fuq din il-vettura kienu fuq il-hgieg biss, jigifieri *windscreens*, il-hgiega ta' wara u l-hgieg tal-bibien tal-gnub". L-ammont mitlub hu esagerat.

D1 Il-konvenuta **<u>Josephine Farrugia</u>** ammetiet li kissret il-hgieg tal-karozza kollha izda l-ammont li qed jintalab "jidhirli li huwa gholi hafna".

2 Il-hgieg kissritu b'hadida li sabet mal-art. "Il-karozza ma lqattha mkien iehor".

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Hawn ghandna xena fejn il-konvenuta f'raghbja inkontrollabbli qabdet hadida li hi tghid li sabet fit-triq u biha bdiet taghti kemm tiflah fuq in-Nissan Micra tal-attur u kissret kull hgiega fiha. Il-konvenuti jikkonoxxu li huma responsabbli ghall-hsara li twettqet fil-karozza tal-attur. Ma jaqblux fuq il-*quantum* mitlub mill-attur; hu fl-AVVIZ jippretendi €1279 waqt li huma fir-RISPOSTA jghidu li t-talbiet tal-attur huma esagerati u jichdu li saret xi hsara fil-"body" tal-vettura. Fil-fatt permezz tal-ittra *a fol* 20 tal-process, ittra li kienet intbaghtet mid-difensur tal-konvenuti wara li giet imressqa l-kawza odjerna huma offrew €233.

2. Naturalment, imiss lill-attur li jipprova il-*quantum* pretiz minnu. F'dan ir-rigward il-pozizzjoni hi hekk:-
a) L-attur esibixxa "survey report" maghmul minn *surveyor* professjonali, Dok EB1 *a fol*15, bla ma dan ittella jixhed ha jkun espost ghal kull kontroll mehtieg. Dan ir-rapport isemmi LM550 li jinkludi spiza tat-tiswija. Veru li setghu tellghuh il-konvenut izda il-prova kienet tmiss fl-ewwel lok mill-attur.
b) L-attur qal li xtara l-oggetti li l-prezz *appprossimativ* taghhom kien ndikat bl-ahmar, pero ma **<u>jafx x'ghamel bir-ricevuta</u>**. Jaf li ghall-hgieg hareg LM200.
c) Mitlub jghid ghal kemm il-car tieghu, mudell 1990, kienet assikurata, l-attur qal li ma kienx jaf, wieghed li jara u sa ma l-kawza baqghet ghas-sentenza dan it-taghrif baqa ma ngiebx
3. Minn naha tal-konvenuti ressqu Dokument FC 1 *a fol* 29, imnizzel mill-internet li juri li taht "used cars for sale in the UK from Exchange & Mart" Nissan Micra LS 1992, 45,906 miles hi bil-prezz indikat ta' £20.

4. It-Tribunal iqis li din id-daqsxejn ta' karta tperper, bla ebda konferma u bla ebda possibita' ta'kontroll ma hiex xi dokument li jorbot.

5. *In subiecta material*, meta wiehed qed iqis hsara f'vettura qadima, il-*pre accident value* tal-vettura hu fattur li jrid jigi kunsidrat. Dana fl-isfond tal-fatt li d-danneggjat ghandu jitqieghed fl-istat li kien qabel sofra d-danni. Hawn, l-"istat ta' qabel" irid jiehu f'konsiderazzjoni l-fatt li bniedem li jkollu car li jkun qed jinqeda biha, mhux ghalkemm ittih f'idejh somma li biha ma jistax jakkwista vettura fi stat ta' funzjonament tajjeb flok li tirriparalu l-vettura danneggjata biex biha jkompli jinqeda.

6. It-TRIBUNAL hu mgharraf li vettura bhal dik in kwistjoni hi meqjusa mill-assikuraturi Maltin – skond skala li juzaw ilkoll u li tigi aggornata perjodikament – bhala li fuq Malti ghandha *pre accident value* ta' sitt mitt Ewro (€600)

7. Meta jqis dan kollu, gwidat anke minn sens ta' ekwita kif hu dover tieghu li jqis dan it-TRIBUNAL ihoss li *quantum* ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00) hu fic-cirkostanzi wiehed xieraq.

**<u>DECIZJONI</u>**

It-TRIBUNAL wara li qies dan kollu, jikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur, in linea ta' danni s-somma ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00c) u jhallsu huma wkoll l-ispejjes ta' dina l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------